

tal-Affarijiet Barranin kif ukoll bħala Prim Ministru. Fl-1945, Spaak kiseb prominenza internazzjonali billi ġie elett bħala President tal-ewwel sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Fl-1956 intgħażel mill-Kunsill tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku (NATO) sabiex ikun is-Segretarju Ġenerali tiegħu.

Kontribuzzjoni għall-Ewropa

Spaak kien magħruf għat-talent ta' retorika tiegħu: kien bniedem kapaċi jgjegħel lin-nies jsimgħu, u kellu l-arti tal-perswazzjoni. Dawn it-talenti, flimkien mal-viżjoni tiegħu ta' kooperazzjoni Ewropea, għamluh wieħed mill-ikbar kontributori għall-proġett ta' integrazzjoni Ewropea.

Il-formazzjoni tal-Benelux

Għad li ħafna mill-Ewropa kienet imfarrka wara t-Tieni Gwerra Dinjija, Spaak ra l-opportunità sabiex l-Ewropa ssir kontinent b'saħħtu mill-ġdid permezz ta' kooperazzjoni ekonomika u politika. Il-gwerra għenitu jagħraf biċ-ċar li l-ħidma magħquda lejn għan komuni kienet ferm iktar produttiva minn għied kontra xulxin. Spaak kien wieħed mill-irġiel li llum inqisuhom bħala l-Missirijiet Fundaturi tal-UE għaliex ra l-potenzjal fl-għaqda tal-Ewropa ta' wara l-gwerra. Xhieda ta' dan hija l-formazzjoni tal-Benelux fl-1944.

Fiż-żmien meta Spaak kien qiegħed jaħdem minn Londra, il-gwerra kienet għaddejja bil-forza qerrieda tagħha fil-kontinent. Iżda, flimkien mal-kollegi tiegħu mill-Pajjiżi l-Baxxi u l-Lussemburgu, Spaak kien qed jaħdem fuq proġett kompletament ġdid u ferm ambizzjuż. Fl-1944, twieldet il-Benelux: l-unjoni doganali bejn il-Belġju, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Lussemburgu. Kienet idea sempliċi, iżda li qatt ma kienet dehret jew saret qabel. Fi ħdan il-konfini tat-tliet pajjiżi, il-moviment ħieles tal-flus, kif ukoll ta' persuni, servizzi u prodotti jkun garantit: ispirazzjoni għal integrazzjoni Ewropea ikbar.

Il-Konferenza ta' Messina

Fl-1955, il-Konferenza ta' Messina tal-mexxejja Ewropej għażlet lil Spaak bħala president ta' kumitat (il-Kumitat Spaak) inkarigat mit-tkejjija ta' rapport dwar il-ħolqien ta' dan is-suq komuni

Ewropew. Matul il-Konferenza ta' Messina, it-tliet stati tal-Benelux ipproponew it-tnedija mill-ġdid tal-integrazzjoni Ewropea sabiex din titwettag fuq il-bażi ta' suq komuni u integrazzjoni fis-setturi tat-trasport u l-enerġija atomika. Dan ir-'Rapport Spaak' kien il-bażi għall-Konferenza Intergovernattiva dwar is-Suq Komuni u l-Euratom fl-1956, u wassal għat-Trattati ta' Ruma, iffirmati fl-25 ta' Marzu 1957, li fl-1958 waqqfu l-Komunità Ekonomika Ewropea. Spaak iffirma t-trattat għall-Belġju.

Matul il-ħajja politika tiegħu, Spaak dejjem iddefenda b'ħeġġa kbira l-importanza tal-integrazzjoni Ewropea u l-indipendenza tal-Kummissjoni Ewropea: "L-Ewropa ta' għada trid tkun Ewropa sovranażzjonali," iddikjara sabiex jirrifronta l-'Pjan Fouchet' tal-1962 tal-President Franċiż de Gaulle, li pprova jimblokka kemm id-dħul tal-Ingliżi fil-Komunitajiet Ewropej kif ukoll ixekkel il-pedament sovranażzjonali tagħhom. Fil-parti l-kbira tagħha, l-għaqda Ewropea prevista minn Spaak kienet ekonomika. L-istatista Belġjan xtaq unifikazzjoni politika iżda mhux fuq il-bażi tal-pajjiżi tas-Suq Komuni biss. Għaldaqstant, kien kontra kwalunkwe azzjoni ulterjuri sakemm seħħet l-integrazzjoni ekonomika tal-Ingilterra fl-Unjoni. Huwa rtira mill-politika fl-1966 u miet fi Brussell fl-1972.



Spaak waqt li jiffirma t-trattat Ewropew f'isem il-Belġju fl-1965.

Ewropew konvint

Spaak triżżel fil-kotba tal-istorja bħala l-persuna li ħadmet bla heda favur l-integrazzjoni Ewropea. Anki qabel il-bidu reali ta' kwalunkwe kooperazzjoni ekonomika u politika Ewropea, huwa diġà kien jemmen fil-proġett Ewropew. Kien Ewropew konvint u ħares lil hinn mill-konfini ta' pajjiżu.